

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/2443**tat-12 ta' Diċembru 2022****li temenda d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42(4) u 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-15 ta' Frar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/96/PESK ⁽¹⁾, li tistabbilixxi missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (EUTM Somalia).
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2020/2032 ⁽²⁾, li testendi l-mandat ta' EUTM Somalia sal-31 ta' Diċembru 2022.
- (3) Fil-kuntest tar-Rieżami Strateġiku Olistiku tal-involviment tal-PSDK fis-Somalja u fil-Qarn tal-Afrika, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat tal-EUTM Somalia jiġi estiż ulterjorment sal-31 ta' Diċembru 2024.
- (4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/96/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/96/PESK hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. EUTM Somalia għandha, b'mod partikolari, tappoġġa l-iżvilupp tas-Sistema ta' Taħriġ li hija proprjetà tas-Somalja bil-ħsieb li gradwalment tgħaddi, fil-prinċipju, ir-responsabbiltà tat-taħriġ lill-SNAF sa tmiem l-2024. EUTM Somalia għandha tipprovdi mentoraġġ għat-taħriġ taħt ir-responsabbiltà tas-Somalja u pprovdut minnha u iżżomm il-kapaċità li ssewgi u tivvaluta l-unitajiet li tkun ħarrġet.";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"3a. EUTM Somalia għandha tipprovdi wkoll appoġġ, kif neċessarju u skont il-mezzi u l-kapaċitajiet tagħha, lil atturi oħra tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-mandati rispettivi tagħhom fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża fis-Somalja, b'mod partikolari lil EUCAP Somalia, stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2021/389/PESK ^(*), fir-rigward tal-interoperabbiltà bejn l-SNAF u l-forzi tal-pulizija Somali. Barra minn hekk, EUTM Somalia għandha tiffaċilita l-appoġġ mogħti mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi, stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 ^(**) b'mod partikolari billi tagħti pariri lill-SNAF dwar l-identifikazzjoni tal-assistenza meħtieġa, kif ukoll lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u lill-Istati Membri dwar il-forniment ta' din l-assistenza.

^(*) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/389/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-Bini tal-Kapaċità fis-Somalja (EUCAP Somalia) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 40).

^(**) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14).";

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/96/PESK tal-15 ta' Frar 2010 dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-Forzi tas-Sigurtà tas-Somalja (ĠU L 44, 19.2.2010, p. 16).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/2032 tal-10 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni 2010/96/PESK dwar missjoni militari tal-Unjoni Ewropea biex tikkontribwixxi għat-taħriġ tal-forzi tas-sigurtà tas-Somalja (ĠU L 419, 11.12.2020, p. 28).

(2) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-ispejjeż komuni tal-missjoni militari tal-UE għandhom jiġu amministrati f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.”;

(b) jinżdied il-paragrafu li ġej:

“9. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-ispejjeż komuni tal-missjoni militari tal-UE għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2024 għandu jkun ta' EUR 29 802 052. Il-perċentwal tal-ammont ta' referenza msemmi fl-Artikolu 51(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 għandu jkun ta' 0 % għall-impenji u 0 % għall-pagamenti.”;

(3) fl-Artikolu 12, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“2. Il-mandat tal-missjoni militari tal-UE għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2024.

3. Din id-Deċiżjoni għandha titħassar mid-data tal-għeluq tal-Kwartieri Ġenerali tal-UE, l-uffiċċju ta' kollegament u ta' appoġġ f'Najrobi u ċ-ċellola ta' appoġġ fi Brussell, f'konformità mal-pjanijiet approvati għat-terminazzjoni tal-missjoni militari tal-UE, u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri li jirrigwardaw il-verifika u l-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-missjoni militari tal-UE, stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES
